20 ta' Settembru 2019
93/2019

# L-ISQOF GALEA-CURMI JILTAQA' MAL-EDUKATURI L-ĠODDA

BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA 2019-2020 FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Bi tħejjija għall-ftuħ tas-sena skolastika, l-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi ltaqa' mal-edukaturi l-ġodda fl-iskejjel tal-Knisja waqt seminar organizzat mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. L-Isqof rringrazzja lill-għalliema u wera l-apprezzament tal-Knisja f'Malta għall-ħidma tagħhom. Hu stedinhom biex fis-servizz li jagħtu jgħaqqdu flimkien żewġ aspetti importanti: il-professjonalità u x-xhieda ta' ħajja Nisranija. Hu qal li l-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Knisja għandha tkun sostnuta bil-valuri tal-Evanġelju u tgħin lill-istudenti biex ikollhom l-għeruq tagħhom f'dawn il-valuri.

L-Isqof Galea-Curmi tkellem dwar l-importanza li l-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Knisja tgħin lill-istudenti biex fihom jikber impenn soċjali għall-iżvilupp ta' soċjetà inklussiva u ġusta li hi fi dmir li toffri wens lil min hu batut. L-Isqof irrefera għat-tagħlim tal-Papa Franġisku dwar ir-rispett lejn il-ħolqien u appella biex l-edukaturi jrawmu fl-istudenti kuxjenza ambjentali.

Fil-jiem li ġejjin madwar 17,000 student u aktar minn 2,500 edukatur ser jibdew sena skolastika ġdida fl-iskejjel tal-Knisja. L-istudenti ser ikunu qed jattendu f'waħda mis-60 skola fil-livelli kindergarten, primarju, sekondarju u s-sitt sena post-sekondarja.

Matul dan is-sajf saru diversi xogħlijiet ta' tisbiħ u manutenzjoni fl-iskejjel. Fl-iskola sekondarja ta' St Joseph f'Tas-Sliema u fil-Kulleġġ ta' Stella Maris, il-Gżira, qed isir ukoll xogħol ta' tkabbir bil-għan li l-istudenti jkollhom spazji akbar u aktar moderni. Minbarra r-reklutaġġ tal-għalliema, learning support educators (LSEs) u edukaturi tal-kindergarten, tkompla wkoll il-programm miftiehem ma' Jobsplus għall-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà.

F'din is-sena skolastika bdiet titħaddem ir-riforma tas-sapport tal-istudenti fl-ewwel sena kindergarten u qed tkompli r-riforma tal-Learning Outcome Framework fit-tieni sena kindergarten, fir-raba' sena primarja u fit-tieni sena sekondarja.

Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija temm il-proċess ta' reġistrazzjoni tat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika l-ġdida, li matulu rċieva mat-3,700 applikazzjoni għal 1,585 post vakanti.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**